# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 20**

**Rikors Maħluf Numru 499/2022 NC**

**Staff Services (Malta) Limited (C78278)**

**vs.**

**Haber 16 Ltd (C87127)**

Illum 12 ta' Lulju 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi Staff Services (Malta) Limited ippreżentat fl-10 ta' Ġunju 2022 li jgħid hekk:

> *"1. Illi s-soċjeta' Staff Services (Malta) Limited (C78278) (minn hawn 'il quddiem imsejħa s-soċjeta' rikorrenti), hija soċjeta' inkorporata ġewwa Malta, li inter alia tissupplixxi staff lill-kumpaniji oħra fil-qasam tal-catering u tal-ospitalita'*

*(Dokumentazzjoni dwar id-diretturi u r-reġistrazzjoni tas-soċjeta' rikorrenti hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A);*

*2. Illi Haber 16 Ltd, li d-direttur tagħha huwa Justin Haber, kienet topera diversi stabbilimenti fosthom il-cafetteria Corner 16 li tinsab ġewwa Triq Tumas Fenech, Birkirkara. Fis-sena 2018 Anthony Grech, li kien involut fil-ġestjoni tal-cafetteria Corner 16, kien talab lil Trevor Fenech, li huwa wieħed mid-diretturi tas-soċjeta' rikorrenti, sabiex is-soċjeta' rikorrenti tipprovdi staff sabiex jaħdmu ġewwa l-imsemmija cafetteria. Is-soċjeta' rikorrenti kienet bagħtet lil Madan Gautam sabiex jaħdem ġewwa l-imsemmija cafetteria Corner 16 (Dokumentazzjoni dwar id-direttur u r-reġistrazzjoni tas-soċjeta' Haber 16 Ltd hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B);*

*3. Illi sussegwentement Anthony Grech ma baqax involut fil-ġestjoni tal-caffetteria Corner 16;*

*4. Illi fis-sena 2019 Justin Haber ikkomunika ma' Trevor Fenech fejn infurmah li xtaq iżomm lil Madan Gautam. Justin Haber infurmah ukoll li Madan Gautam kien ukoll qed jaħdem ġewwa l-istabbiliment Just Water (Acquarium) li jinsab ġewwa Triq Tumas Fenech, Birkirkara liema stabbiliment huwa ġestit minn Haber 16 Ltd, kif ukoll stabbilimenti oħra ġestiti minn Haber 16 Ltd li d-direttur tagħha huwa l-istess Justin Haber;*

*5. Illi Justin Haber permezz ta' email datata 7 ta' Marzu 2019 ġie nfurmat minn rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti dwar ir-rata ta' ħlas għas-servizzi prestati mill-istess soċjeta' rikorrenti;*

*6. Illi permezz ta' email datata 7 t'April 2019 Justin Haber ipprovda lis-soċjeta' rikorrenti d-dettalji tas-soċjeta' Haber 16 Ltd bil-għan illi s-soċjeta' rikorrenti tkun tista' tibgħat l-invoices lill-imsemmija soċjeta' intimata għas-servizzi provduti lilha;*

*7. Illi minn Frar 2019 sa Diċembru 2019 is-soċjeta' rikorrenti ssupplixxiet is-servizzi ta' Madan Gautam lis-soċjeta' intimata fejn l-imsemmi Madan Gautam ħadem ġewwa Corner 16, Just Water (Acquarium) u Haber 16 li jinsab ġewwa 144, Xatt is-*

*Sajjieda, Marsaxlokk, u li huma ġestiti minn Haber 16 Ltd. Dan huwa muri permezz tat-timesheets ta' Madan Gautam;*

*8. Illi di piu' fix-xahar ta' Marzu 2019 is-soċjeta' rikorrenti ssupplixxiet is-servizzi ta' Shova Thapa lis-soċjeta' intimata hekk kif juri r-rendikont tas-sigħat maħduma minn Shova Thapa;*

*9. Illi minkejja li rappreżentanti tas-soċjeta' rikorrenti kienu jibgħatu l-invoices u l-istatement lil Justin Haber bħala direttur ta' Haber 16 Ltd sabiex isir il-ħlas għas-servizzi prestati lis-soċjeta' intimata, l-istess soċjeta' intimata kulma ħallset kienet is-somma ta' €600. Hija naqset milli tħallas il-kumplament tas-somma li tirrappreżenta s-servizzi prestati lilha mis-soċjeta' rikorrenti - u ċioe' s-soċjeta' intimata naqset milli tħallas is-somma ta' €18,593.54 lis-soċjeta' rikorrenti. (Statement hawn anness u mmarkat bħala Dok. Ċ);*

*10. Illi rappreżentanti tas-soċjeta' rikorrenti għamlu laqgħat ma' Justin Haber bil-għan illi huwa jħallas l-ammont dovut lill-istess soċjeta' rikorrenti. Kif ukoll ġew skambjati messaggi tramite WhatsApp bejn Justin Haber u rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti fejn dan tal-aħħar kien jissoleċita lil Justin Haber sabiex iħallas l-ammont dovut. Minkejja li Justin Haber kien jipprometti ruħu li se jħallas, attwalment baqa' ma ħallasx;*

*11. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, inkluża l-ittra uffiċċjali bin-numru 9/2021, liema ittra ġiet debitament notifikata lis-soċjeta' intimata, is-soċjeta' intimata rrespinġiet it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti u għalhekk is-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti (Kopja tal-ittra uffiċċjali bin-numru 9/2021 u n-nota responsiva ta' Haber 16 Ltd hawn annessi u komplessivament mmarkati bħala Dok. D);*

*12. Illi l-fatti suesposti huma kollha magħrufin personalment mis-soċjeta' rikorrenti. Rappreżentanti tas-soċjeta' rikorrenti, ossia Paul Mifsud, Trevor Fenech, Lenka Racekova, Eugena Ceribashi, u Madan Gautam qed jippreżentaw l-affidavits maħlufa tagħhom li fihom fatti li għandhom x'jaqsmu mat-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti u liema fatti jafu bihom personalment.*

*(Affidavits hawn annessi u mmarkati bhala Dok. E, Dok. F, Dok. Ġ, Dok. Ħ, Dok. I rispettivament);*

*IR-RAĠUNI TAT-TALBA*

*13. Illi s-soċjeta' rikorrenti trid li s-soċjeta' intimata tħallasha l-ammont ta' €18,593.54;*

*14. Illi d-dejn ta' €18,593.54 dovut mis-soċjeta' intimata lis-soċjeta' rikorrenti huwa dejn ċert, likwidu u li għalaq, illi ma jikkonsistix fl-esekuzzjoni ta' fatt, u sa fejn taf is-soċjeta' rikorrenti, is-soċjeta' intimata m'għandhiex eċċezzjonijiet xi tressaq fil-konfront tal-fatti kif spjegati mis-soċjeta' rikorrenti kif ukoll rigwardanti t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti, u b'hekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa ta' smigħ u skont il-proċedura sommarja a tenur ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*15. Illi għalhekk is-soċjeta' rikorrenti kellha tintavola l-preżenti proċeduri sabiex teżiġi u tottjeni l-pagament tal-ammont hawn fuq indikat;*

*TALBIET*

*Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti qiegħda umilment u bir-rispett titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tiddeċiedi din il-kawża skont it-talba bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tiddikjara illi s-soċjeta' intimata hija debitriċi fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' €18,593.54;*

*3. Tikkundanna u tordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont komplessiv ta' €18,593.54 lis-soċjeta' rikorrenti.*

*Salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

> *Bl-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali bin-numru ta' referenza 9/2021 u tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat, kontra s-soċjeta' intimata u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess soċjeta' intimata li minn issa qed tiġi nġunta in subbizzjoni".*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-digriet tagħha (*a fol.* 76) tal-21 ta' Ġunju 2022 li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għas-seduta tallum u li s-soċjeta' konvenuta ġiet ordnata sabiex tidher llum u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

Rat illi minkejja li s-soċjeta' konvenuta Haber 16 Ltd ġiet notifikata b'dawn il-proċeduri fit-23 ta' Ġunju 2022 (*a fol.* 78 *tergo*), l-ebda rappreżentant tagħha ma deher għas-seduta tallum (inkluż l-ebda rappreżentant legali tagħha ma deher) u b'hekk is-soċjeta' konvenuta ġiet meqjusa li tinsab fi stat ta' kontumaċja għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

**Ikkunsidrat**

Illi mir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi hekk kif maħluf minn Paul Mifsud in rappreżentanza tal-istess soċjeta' attriċi jirriżulta li s-soċjeta' attriċi tissupplixxi *staff* lill-kumpaniji oħra fil-qasam tal-*catering* u tal-ospitalita' u li s-soċjeta' konvenuta kienet topera diversi stabbilimenti. Jingħad li minn Frar 2019 sa Diċembru 2019 is-soċjeta' attriċi ssupplixxiet is-servizzi ta' ċertu Madan Gautam lis-soċjeta' konvenuta fejn l-imsemmi Madan Gautam ħadem ġewwa żewġ stabbilimenti li huma ġestiti mis-soċjeta' konvenuta u li fix-xahar ta' Marzu 2019 is-soċjeta' attriċi ssupplixxiet is-servizzi ta' ċertu Shova Thapa lis-soċjeta' konvenuta u li minkejja li s-soċjeta' attriċi kienet tibgħat l-*invoices u* l-i*statement* lid-direttur tas-soċjeta' konvenuta sabiex isir il-ħlas għas-servizzi prestati lill-istess soċjeta' konvenuta, l-istess soċjeta' konvenuta ħallset biss is-somma ta' sitt mitt Euro (€600) u naqset milli tħallas il-kumplament tas-somma li tirrappreżenta s-servizzi prestati lilha mis-soċjeta' attriċi u ċioe' is-

somma ta' tmintax-il elf, ħames mija tlieta u disgħin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€18,593.54). Jingħad ukoll li minkejja li saru diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas, is-soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti u li d-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u li s-soċjeta' konvenuta ma kellhiex eċċezzjonijiet validi x'tagħti għat-talbiet tas-soċjeta' attriċi. Fid-depożizzjoni mogħtija waqt is-seduta tallum minn Paul Mifsud in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi ngħad li l-ammont mitlub mis-soċjeta' attriċi fir-Rikors Maħluf tagħha għadu kollu dovut.

Illi l-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-affidavits ta' Paul Joseph Mifsud, Trevor Fenech, Lenka Racekova, Eugena Ceribashi u Madan Gautam (Dok. "E" sa Dok. "I" – *a fol.* 21 *et seq.*) u d-dokumenti eżebiti mal-imsemmija affidavits.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li l-Qorti rat Artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar smiegħ ta' kawżi bil-proċedura sommarja, komunement magħrufa bħala bil-giljottina u tenut kont tal-fatt li l-ammont imsemmi fir-Rikors Maħluf jirriżulta li għadu dovut, il-Qorti hi sodisfatta li s-soċjeta' attriċi ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti tikkonkludi illi t-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma ġustifikati *stante* illi jirriżultaw ippruvati u b'hekk il-Qorti ser tilqa' t-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv kontra s-soċjeta' konvenuta.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ *ai termini* ta' Artikoli 167 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) Tilqa′ it-tieni talba tas-soċjeta′ attriċi billi tiddikjara li s-soċjeta′ konvenuta Haber 16 Ltd hija debitriċi tas-soċjeta′ attriċi fis-somma ta′ tmintax-il elf, ħames mija tlieta u disgħin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€18,593.54);

(3) Tilqa′ it-tielet talba tas-soċjeta′ attriċi billi tikkundanna lis-soċjeta′ konvenuta Haber 16 Ltd tħallas is-somma ta′ tmintax-il elf, ħames mija tlieta u disgħin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€18,593.54) lis-soċjeta′ attriċi Staff Services (Malta) Limited.

Finalment, il-Qorti tordna li l-ispejjez kollha marbuta ma′ dawn il-proċeduri hekk kif mitluba fir-Rikors Maħluf tas-soċjeta′ attriċi u bl-imgħax legali bit-tmienja fil-mija (8%) sad-data tal-ħlas effettiv jitħallsu kollha kemm huma mis-soċjeta′ konvenuta Haber 16 Ltd.

______________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

______________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**